EUROPEAN COMMISSION
Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

In-Numru tan-Notifika : 2017/0221/FIN (Finland)

Digriet tal-Ministeru għall-Ambjent dwar is-sikurezza kontra n-nirien tal-bini

Data tal-wasla : 02/06/2017
Tmiem tal-Waqfien : 04/09/2017 (closed)

Message

Messaġġ 002

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2017) 01374
Direttiva (UE) 2015/1535
Traduzzjoni tal-messaġġ 001
Notifika: 2017/0221/FIN

No abre el plazo - Nezahajuje odklady - Fristerne indledes ikke - Kein Fristbeginn - Viivituste perioodi ei avata - Καμμία έναρξη προθεσμίας - Does not open the delays - N'ouvre pas de délais - Non fa decorrere la mora - Neietekmē atlikšanu - Atidėjimai nepradedami - Nem nyitja meg a késéseket - Ma' jiftaħx il-perijodi ta' dawmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Não inicia o prazo - Neotvorí oneskorenia - Ne uvaja zamud - Määräaika ei ala tästä - Inleder ingen frist - Не се предвижда период на прекъсване - Nu deschide perioadele de stagnare - Nu deschide perioadele de stagnare.

(MSG: 201701374.MT)
1. MSG 002 IND 2017 0221 FIN MT 02-06-2017 FIN NOTIF

2. FIN

3A. Työ- ja elinkeinoministeriö
Työelämä- ja markkinaosasto
PL 32
FI-00023 VALTIONEUVOSTO

Puhelin +358 29 504 7085
maaraykset.tekniset@tem.fi

3B. Ympäristöministeriö
Rakennetun ympäristön osasto
Rakennukset ja rakentaminen -yksikkö
PL 35
00023 Valtioneuvosto

4. 2017/0221/FIN - B00

5. Digriet tal-Ministeru għall-Ambjent dwar is-sikurezza kontra n-nirien tal-bini

6. Dan id-digriet għandu jiġi applikat ukoll għall-kostruzzjoni ta' bini ġdid, l-estensjonijiet ta' bini jew żieda fl-ispazju tal-art. Għandu jiġi applikat ukoll għal xogħol ta' tiswija u rinnovament jekk bħala riżultat ta' tiswijiet jew rinnovamenti s-sikurezza kontra n-nirien ta' bini jew parti minnu tiġi negattivament effettwata, u jekk it-titjib tas-sikurezza kontra n-nirien tal-bini jiġi ġġustifikat b'xogħol ta' tiswija u rinnovament, b'kunsiderazzjoni għall-prevenzjoni tar-riskji ta' sikurezza personali.

7. -

8. Skont § 117 b tal-Att (132/1999) dwar il-Bini u l-Użu tal-Art, regoli dettaljati dwar is-sikurezza kontra n-nirien tal-bini fir-rigward tal-kostruzzjoni ta' bini ġdid, tat-tiswija, tal-manutenzjoni u tar-rinnovamenti tiegħu kif ukoll fir-rigward tal-bidla fl-użu intenzjonat jistgħu jinħarġu b'digriet tal-Ministeru għall-Ambjent rigward:
1) ir-restrizzjoni tat-tqabbid u l-firxa ta' nirien, kif ukoll is-sikurezza kontra n-nirien tat-teknoloġija u t-tagħmir ta' tisħin tal-bini;
2) Il-kapaċità ta' żamma ta' tagħbija ta' bini waqt nar u l-karatteristiċi tal-prodotti tal-kostruzzjoni relatati miegħu;
3) ir-restrizzjoni tal-iżvilupp u l-firxa ta' nirien u duħħan, u l-karatteristiċi tal-prodotti tal-kostruzzjoni relatati magħhom;
4) is-sikurezza waqt l-evakwazzjoni u r-rapporti dwar is-sikurezza;
5) l-organizzazzjoni tal-inkarigi tat-tifi tan-nar u tas-salvataġġ

Skont § 117 b, kumpanija tal-kostruzzjoni għandha tieħu ħsieb li bini jkun iddisinjat u mibni b'mod sikur kontra n-nirien skont l-użu intenzjonat tiegħu. Ir-riskju tat-tqabbid irid ikun limitat. Il-partijiet ta' żamma tat-tagħbija ta' bini f'każ ta' nar għandhom ikunu tali li jibqgħu weqfin għall-ħin minimu li fih iridu jiġu kkunsidrati l-kollass tal-bini, l-evakwazzjoni sikura, ix-xogħol ta' salvataġġ u l-kontroll tan-nirien. Irid ikun possibbli li jiġi llimitat l-iżvilupp u l-firxa tan-nirien u d-duħħan fil-bini kif ukoll il-firxa tan-nirien lejn bini fil-viċinanza. Waqt il-kostruzzjoni tal-bini, għandhom jintużaw tagħmir tekniku u prodotti xierqa għas-sikurezza kontra n-nirien. Bini għandu jkun mibni b'tali mod li, f'każ ta' nirien, l-individwi jkunu jistgħu jaħarbu jew jiġu salvati. Is-sikurezza tal-persunal tas-salvataġġ għandha tiġi kkunsidrata fid-disinn. L-awtorità tal-liċenzjar tista' titlob li jinħoloq rapport ta' sikurezza rigward l-evakwazzjoni f'postijiet problematiċi.

9. Il-partijiet kollha tal-Kodiċi tal-Bini Nazzjonali tal-Finlandja ser jiġu riveduti sal-aħħar tal-2017 biex ikunu konformi mal-liġi bażika attwali. Id-dispożizzjonijiet vinkolanti u l-linji gwida implementattivi ser jiġu separati b'mod aktar ċar minn kif inhuma bħalissa. Is-sikurezza kontra n-nirien bħalissa hija rregolata mid-Digriet Nru 3/11 tas-6 ta' April 2011tal-Ministeru għall-Ambjent. L-anness tiegħu fih ir-regolamenti dwar il-bini u linji gwida rigward is-sikurezza kontra n-nirien tal-bini (RakMK E1). Barra minn hekk, id-Digrieti tal-Ministeru għall-Ambjent jistipulaw il-Linji Gwida E2 (22 ta' Marzu 2005), E4 (22 ta' Marzu 2005), E7 (18 ta' Ġunju 2003) u E9 (22 ta' Marzu 2005).
Digriet tal-Ministeru għall-Ambjent dwar is-sikurezza kontra n-nirien tal-bini jkun ibbażat fuq id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti u l-linji gwida msemmija qabel. Id-digrieti msemmija qabel ser jiġu mħassra fl-aħħar tal-2017

10. It-testi bażiċi ġew sottomessi b'notifika preċedenti: 2010/816/MT:

11. Le

12. -

13. Le

14. Le

15. -

16. Aspett OTK

Le – l-abbozz m'għandux impatt sinifikanti fuq il-kummerċ internazzjonali.

Aspett SPS

Le – l-abbozz mhuwiex miżura sanitarja jew fitosanitarja.

****
Il-Kummissjoni Ewropea

EUROPEAN COMMISSION
Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

Direttiva tal-Pont ta’ kuntatt (UE) 2015/1535
Fax: +32 229 98043
email: grow-dir83-189-central@ec.europa.eu